**Ms. Claire Amato**

It-3 Sena Primarja **Ċ3.2** **L-ISKOLA TAGĦNA** **Worksheet**

**Ċ3.2.3**
nesploraw fl-iskejjel dak li jista' jissejjaħ 'ġust' (*fair*) u dak huwa 'inġust' (*unfair*); nissuġġerixxu rimedji

**A. <u>Inħarsu lejn ir-regoli tal-klassi tagħna u niddiskutu (orali):</u>**

1. Għaliex ħloqna dawn ir-regoli?
2. Għal min qegħdin?
3. X'jiġri jekk kulħadd isegwihom?
4. X'jiġri meta ma nsegwuhomx?
5. F'liema sitwazzjonijiet oħra fil-ħajja rridu nsegwu r-regoli?
6. Jekk waqt logħba xi ħadd jiddeċiedi li ma jsegwix ir-regoli, dak ikun ġust?
7. Għaliex ma jkunx ġust? X'jiġrilha l-logħba?
8. Għaliex taħsbu li huwa tajjeb li tkun ġust waqt il-logħob?
9. Kif tħossukom meta ħaddieħor ikun inġust waqt il-logħob jew waqt ix-xogħol?
10. Taħsbu li tħossukom tajjeb jekk takkwistaw xi ħaġa b'mod inġust?

**B. <u>Agħżel regola ġusta mil-lista fil-klassi tiegħek u iktibha fuq l-iskrin:</u>**



**Ms. Claire Amato**

**Ċ. Ikteb Ġust jew Inġust**

1. Karla qabżet lil Marta waqt il-logħob. ____________
2. Francesco rebaħ it-tellieqa għax imbotta lil Bjorn. ___________
3. Tanja ġiet l-ewwel fl-eżami għax studjat ħafna. __________
4. L-għalliema tat premju lil Karl għax jaqra ħafna. ____________
5. Is-surmast faħħar lil Selma meta għenet lil Sandra. __________
6. Martina rebħet fil-logħba l-ġdida għax ma spjegathiex sew lil sħabha.

   __________

**D. Agħżel kif tħossok meta:**

1. jaqbżuk waqt il-logħob (imdejjaq, eċitat, ferħan)
2. sħabek jisimgħu fil-kwiet meta taqralhom (imbeżża', kuntent, nervuż)
3. il-ħabiba titliflek lapes għal qalbek (ferħana, kalma, imdejqa)
4. tgħin lill-ħabib jitgħallem jaqra (sodisfatt, imdejjaq, iddispjaċut)
5. tistudja ħafna u tmur tajjeb fit-test (kalm, kburi, imdejjaq)

**E. Kompli s-sentenzi:**

1. Waqt il-logħob nieħu gost meta ___________________________.
2. Waqt il-logħob niddejjaq meta___________________________.
3. Meta t-tfal jgħiduli biex ma nilgħabx magħhom nista' __________

   ___________________________________________________.
4. Meta nara lil xi ħadd waħdu nista' _________________________.
5. Jekk ikun hemm xi ħadd imdejjaq fil-klassi nista' ____________

   ___________________________________________________.
6. Biex tħossok tajjeb trid tkun (ġust, inġust).